



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2013
SWD(2013) 469 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u
f'pajjiżi terzi**

{COM(2013) 812 final}
{SWD(2013) 470 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tappoġġa azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi. Mill-1999, dan l-appoġġ ingħata b'reġim orizzontali ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal firxa wiesgħa ta' prodotti. L-aħħar darba li ġie rivedut kien fl-2008 bil-għan li jiġi ssimplifikat.

Ir-riforma fil-PAK li għaddejja bħalissa¹ tkopri kwistjonijiet bħal titjib ta' fejn jingħata appoġġ, konverġenza aħjar tal-livelli tal-appoġġ bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom, u sostenibilità b'miżuri ekoloġiċi. Għalhekk, issa jixraq li jiġu riveduti l-miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għax dawn huma relatati mar-riforma fil-PAK. Din ir-riforma se tindirizza wkoll bosta nuqqasijiet, se ttejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tal-politika u tgħin biex iċ-ċittadini jkollhom informazzjoni aħjar dwar il-valur miżjud tal-PAK. L-impatt li mistennija tħalli fuq il-kompetittività, il-valur miżjud u s-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-UE għandu jtejjeb ukoll il-kontribut tal-PAK fl-istrateġija Ewropa 2020.

Il-proċess tar-riforma nbeda fl-2011 skont evalwazzjoni esterna tal-politika attwali u Green Paper dwar miżuri ta' promozzjoni u ta' informazzjoni għall-prodotti agrikoli.² Dan wassal biex f'Marzu 2012 toħroġ il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi linji gwida għar-riforma.³

Il-Parlament Ewropew laqa' l-inizjattiva. Dan qies li r-riforma tal-politika ta' promozzjoni hi l-ewwel pass biex jitjeb il-valur li Ewropej u l-bqija jagħtu lill-produzzjoni agrikola Ewropea u għalhekk din tħalli impatti pożittivi fuq il-profitabbiltà tagħha.

1. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA U L-VALUR MIŻJUD TAL-UE

1.1. Aktar pressjoni fuq il-kompetittività tas-settur agrikolu

Il-kwistjoni ewlenija li trid tiġi indirizzata hi aktar pressjoni fuq il-kompetittività tas-settur agrikolu li ġejja minn tliet sorsi differenti:

- *Kompetizzjoni ħarxa kontra prodotti agrikoli Ewropej*

Filwaqt li l-UE naqqset b'mod sinifikanti l-appoġġ pubbliku għal esportazzjonijiet (50% tan-nefqa tal-PAK fl-1980 għal inqas minn 0,5% tal-lum) u se tibqa' tagħmel

¹ Ara l-valutazzjoni tal-impatt dwar il-PAK fid-dawl tas-sena 2020 (SEC(2011) 1154 finali/2).

² COM(2011) 436 finali.

³ Komunikazzjoni dwar il-miżuri ta' promozzjoni u ta' informazzjoni għall-prodotti agrikoli: strateġija Ewropea b'valur miżjud għoli għall-promozzjoni tat-togħmiet tal-Ewropa (COM(2012) 148).

dan, il-biċċa l-kbira tal-kompetituri tagħha għandhom politiki li jiffinanzjaw miżuri ta' promozzjoni jew jagħtu appoġġ għall-esportazzjoni biex iżidu l-kompetittività tagħhom. B'mod partikolari dan jiġri fl-Istati Uniti, l-esportatur dinji ewlieni tal-prodotti agrikoli (flimkien mal-Unjoni Ewropea fl-2011). Fl-2012 fil-livell federali biss, l-Istati Uniti nefqet USD 280 miljun minn fondi pubbliċi biex tippromwovi l-esportazzjonijiet agrikoli tagħha.

Qed jittieħdu inizjattivi dejjem aktar spiss biex ipattu għall-politika tal-UE fejn jidħlu l-indikazzjonijiet ġeografiċi.⁴ Billi l-Ewropa rnexxielha tħares l-indikazzjonijiet ġeografiċi (IG) internazzjonalment, faqqsu għadd ta' assoċjazzjonijiet li jgħinu biex jiddefendu l-prinċipju tal-ismijiet ġeneriċi għall-prodotti agrikoli, biex b'hekk inħolqot pjattaforma għal pajjiżi terzi li biha jisfidaw il-protezzjoni tal-IG.

Barra minn hekk, daż-żmien l-agrikoltura Ewropea tissara f'ambjent ferm aktar kompetittiv li ħolqot il-globalizzazzjoni dejjem akbar tal-ekonomija dinjija u ż-żieda fil-liberalizzazzjoni kummerċjali. Minħabba f'hekk, l-esportazzjonijiet Ewropej tal-agrikoltura lejn il-bqija tad-dinja għandhom ix-xejra li jonqsu, favur l-ekonomiji emerġenti li għandhom potenzjal sinifikanti biex iżidu l-produzzjoni agrikola tagħhom. Ngħidu aħna, matul l-aħħar għaxar snin, il-Brażil kważi rdoppja sehm u minn 5% għal kważi 10% fl-esportazzjonijiet dinjin mil-lat ta' valur. Din il-kompetizzjoni ħarxa ma sseħx biss f'pajjiżi terzi iżda anke fis-suq intern, fejn il-prodotti agrikoli Ewropej ikollhom jikkompetu ma' prodotti importati.

- *Il-pressure taż-żiediet fl-ispejjeż fuq il-biedja tal-UE*

Bejn l-2000 u l-2012, il-prezzijiet tal-agrikoltura fil-livell dinji żdiedu bi 82% filwaqt li l-prezzijiet tal-enerġija u l-fertilizzanti żdiedu bil-qawwa b'261% u b'286% rispettivament, jiġifieri ġarrbu l-ogħla livell ta' volatilità fl-aħħar 30 sena. Ix-xejra 'l fuq fl-ispejjeż tal-enerġija u tal-għalf mistennija tibqa' twassal b'mod inevitabbli biex jiżdiedu l-ispejjeż tal-proċess tal-produzzjoni.

Il-bdiewa jridu jirrispettaw standards tal-produzzjoni aktar stretti biex jiżguraw produzzjoni sikura, ta' kwalità għolja u sostenibbli. Dan jagħmluh biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-PAK, tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u fitosanitarji, u dawn kolla se jkomplu jissaħħu fir-riforma tal-PAK b'rekwiżiti speċifiċi dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima.

- *In-nuqqas ta' għarfien dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli tal-UE, b'mod partikolari dwar is-suq intern*

Il-kwalità tal-prodotti tista' tagħti spinta lill-kompetittività sakemm din il-kwalità tkun magħrufa u rikonoxxuta. Il-maġġoranza taċ-ċittadini Ewropej diġà jidhrilhom li permezz tal-PAK l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li prodotti agrikoli jkun ta' kwalità tajba, sikuri u favur is-saħħa. Madankollu, l-istatistika turi li l-konsumaturi mhumiex infurmati biżżejjed dwar il-kwalità reali tal-prodotti agrikoli Ewropej, u 14% biss tal-konsumaturi jafu jagħrfu l-logos ta' DPO/IGP⁵ li huma s-sistemi Ewropej ewlenin tal-kwalità li stabbilixxiet il-PAK.

⁴ Pereżempju ara l-inizjattiva f'April 2012 biex tinholq assoċjazzjoni għida fl-Istati Uniti: CCFN — Consortium for Common Food Names (Konsorzju għall-Ismijiet Komuni tal-Ikel) — inizjattiva internazzjonali biex jiġi ppreservat id-dritt tal-użu ta' ismijiet ġeneriċi tal-ikel.

⁵ DPO — Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini; IĠP — Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

1.2. Il-valur miżjud tal-UE dwar il-politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni fil-PAK

Bil-kontra ta' setturi ekonomiċi oħrajn, l-agrikoltura hija l-uniku settur irregolat minn politika komuni tal-UE b'regoli komuni, inklużi dwar il-promozzjoni, previsti fit-Trattat.

Bil-PAK, il-bdiewa mhux biss jipprovdu ikel sikur u ta' kwalità għolja b'metodi ta' agrikoltura sostenibbli iżda anke jipprovdu prodotti pubbliċi. Għalhekk il-PAK ma tinteressax biss lill-bdiewa jew lill-komunitajiet agrikoli iżda anke lis-soċjetà ġenerali. Minħabba f'hekk, hu importanti li ċ-ċittadini jsiru aktar konxji mill-għanijiet u l-valur miżjud tal-PAK ħalli l-pubbliku ġenerali jifhimhom aktar u jappoġġahom. Għas-swieq ta' pajjiżi terzi, hu importanti li jiġu indirizzati l-isfidi taż-żieda fil-kompetittività billi jiġu promossi l-vantaġġi tal-metodi tal-produzzjoni Ewropej u tal-kwalità tal-prodotti Ewropej, b'mod partikolari meta jkunu qed jitneħħew ftit ftit l-ostakli kummerċjali. Azzjoni fil-livell tal-UE se tiżgura li jsiru attivitajiet koerenti ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, skont dak li normalment ikun mistenni minn politika komuni tal-UE, bħalma hi l-PAK. Fi ftit kliem, il-politika ta' promozzjoni tgħin biex il-konsumaturi jsiru aktar konxji mill-kwalitajiet intrinseċi tal-prodotti agrikoli Ewropej u mill-mod kif jiġu prodotti, tiffaċilita l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti u ssaħħa il-qsim tal-prattiki tajba fost l-Istati Membri. Madankollu, meta wieħed iquis il-bidliet li se jsiru fir-riforma tal-PAK, il-politika tal-promozzjoni Ewropea jeħtieġ li tiġi aġġornata wkoll.

Fid-dawl ta' dan kollu u minħabba n-nuqqas ta' riżorsi fil-baġits nazzjonali wara l-kriżi ekonomika — u għalhekk l-Istati Membri jew l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ftit li xejn jimplimentaw kampanji ta' promozzjoni — skema tal-UE tħalli effett ta' ingranaġġ importanti fuq il-programmi ġeneriċi ta' informazzjoni u wkoll għall-implimentazzjoni ta' programmi li jinvolvu bosta pajjiżi, li jiġġeneraw il-qsim tal-esperjenza fost l-Istati Membri u jiksibu ekonomiji ta' skala.

2. IL-POLITIKA EWROPEA ATTWALI DWAR INFORMAZZJONI U PROMOZZJONI GĦALL-PRODOTTI AGRIKOLI

Il-Kummissjoni Ewropea tappoġġa programmi ġeneriċi ta' promozzjoni skont il-politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli u l-metodu tagħhom tal-produzzjoni. Din teskludi azzjonijiet ibbażati fuq marki kummerċjali u dawk li jħeġġu l-konsum ta' prodott minħabba l-oriġini speċifiku tiegħu. Il-programmi jressquhom organizzazzjonijiet professjonali settorali u tikkofinanzjahom l-UE sa kontribuzzjoni massima ta' 50%. L-organizzazzjoni professjonali trid tagħmel kontribuzzjoni minima ta' 20% u l-bilanċ iġarrbu l-Istat Membru li fih l-organizzazzjoni ressqet il-programm tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni twettaq inizzjattivi speċifiċi f'pajjiżi terzi, fosthom li tessebixxi l-prodotti tagħha f'fieri internazzjonali jew tagħmel missjonijiet kummerċjali ta' livell għoli li jkunu jinvolvu lill-Kummissarju għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali.

Il-baġit annwali għall-politika agrikola ta' informazzjoni u ta' promozzjoni hu EUR 50 miljun.

Il-politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni wriet riżultati pożittivi biex jitqajjem għarfien dwar prodotti ta' kwalità u dwar ir-reputazzjoni tal-Unjoni Ewropea, kemm fis-suq intern kif ukoll f'pajjiżi terzi. Din ippromwoviet ukoll il-konsum tal-prodotti agrikoli Ewropej. Madankollu, ħarġu bosta tagħlimiet mill-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni ta' din il-politika, u mill-kontributi tal-partijiet interessati għall-Green Paper u mill-evalwazzjonijiet esterni tal-iskema. Dawn joħorġu fid-dieher id-diffikultajiet u x-xkiel fl-implimentazzjoni: il-perċezzjoni ta' promozzjoni ġenerika bħala mhix xierqa f'pajjiżi terzi; in-nuqqas ta' strateġija bi prijetajiet ċari; l-attrattività limitata ta' programmi li jinvolvu bosta pajjiżi; il-ġestjoni kumplessa tal-iskema; u n-nuqqas ta' indikaturi komuni biex titkejjel l-effikaċja tal-politika ta' promozzjoni. Dawn il-problemi jeħtieġ li jiġu indirizzati.

3. L-GĦANIJIET

L-agrikoltura Ewropea qed taffaċċja bosta sfidi ta' naturi differenti: ekonomiċi (il-volatilità tal-prezzijiet, staġnar fit-tkabbir tal-produttività tal-fatturi, tnaqqis fis-sehem tal-agrikoltura fil-katina alimentari); ambjentali u relatati mal-klima (il-manutenzjoni u l-promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra); u soċjali (il-parteċipazzjoni f'ekonomija rurali u l-bilanċ territorjali). Ir-riforma fil-PAK se tiegħu approċċ komprensiv biex tindirizza dawn l-isfidi kollha.

Bħala strument tal-PAK, il-politika ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli trid issegwi wkoll l-għanijiet ta' "Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020", u b'mod speċifiku l-għan li tiżdied il-kompetittività tas-settur, kemm fis-suq intern kif ukoll f'pajjiżi terzi. Dan għandu jintlaħaq billi:

- Jinħolqu u jinfetħu swieq ġodda għall-prodotti agrikoli Ewropej fis-suq intern u f'pajjiżi terzi;
- Il-konsumaturi jsiru aktar konxji mill-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej;
- Jitjiebu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-politika ta' promozzjoni.

4. IX-XENARJI TA' POLITIKA

Ġew żviluppati tliet xenarji tal-politika bħala alternattivi għall-politika attwali. Dawn jgħorġu mill-karatteristiċi distintivi li rriżultaw mid-dibattitu pubbliku u mill-pożizzjonijiet li haċu bosta partijiet interessati: is-suq/swieq immirat(i); l-eżistenza jew le ta' Strateġija Ewropea għall-promozzjoni; u r-regoli dwar il-viżibbiltà ta' marki kummerċjali privati u r-referenza għall-oriġini tal-prodott.

Tfasslu dawn ix-xenarji bil-għan tal-valutazzjoni tal-impatt u biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet:

- **Ix-xenarju tal-"*istatus quo mtejjeb*"** hu adattament limitat tal-politika ta' promozzjoni attwali. Dan jagħraf il-valur tal-politika ta' promozzjoni u jindirizza n-nuqqasijiet biex il-politika ssir aktar sempliċi u aktar aċċessibbli, u biex aktar benefiċjarji jkunu jistgħu jieħdu sehem (notevolment l-organizzazzjonijiet tal-produtturi) u jingħataw l-għajnuna b'appoġġ tekniku adegwat.
- **Ix-xenarju "*mmirat*"** imur lil hinn mix-xenarju tal-"*istatus quo mtejjeb*". Dan jimplementa attivitajiet immirati ta' promozzjoni fis-suq intern u f'pajjiżi terzi. L-istrateġija tissejjes fuq il-monitoraġġ mill-qrib tax-xejriet tas-suq u fuq in-negozjati ta' ftehimiet tal-kummerċ ħieles, u biha jkunu jistgħu jiġu mmirati programmi ta' promozzjoni għal swieq, popolazzjonijiet, prodotti jew setturi speċifiċi. Dan ix-xenarju għandu l-għan ukoll li jżid il-kollaborazzjoni bejn l-operaturi minn Stati Membri differenti u allura teħfief il-ġestjoni ta' programmi li jinvolvu bosta pajjiżi direttament mill-Kummissjoni. Il-lista tal-prodotti u t-temi eliġibbli se tkun aktar estensiva f'dan ix-xenarju. Fl-aħħar nett, f'kundizzjonijiet speċifiċi, dan ix-xenarju jipproponi li jitħallew ir-referenzi għall-oriġini tal-prodotti u għall-marki kummerċjali privati bħala parti mit-turija ta' messaġġ ġeneriku.
- **Ix-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*"** għandu l-istess livell ta' ambizzjoni bħax-xenarju "*mmirat*" iżda jillimitah għas-swieq ta' pajjiżi terzi biss. F'dan ix-xenarju, il-ġestjoni se tiġi ċentralizzata fil-Kummissjoni u l-azzjonijiet se jiġu implimentati skont strateġija tal-għażla. Il-bidliet stipulati

fix-xenarju tal-*"istatus quo mtejjeb"* se jiġu inklużi f'dan ix-xenarju. Barra minn hekk, lil hinn minn promozzjoni ġenerika, skont il-politika ta' promozzjoni se jkunu eliġibbli wkoll attivitajiet kummerċjali għal marki kummerċjali privati individwali u tista' tinkludi lista estiża ta' prodotti u temi eliġibbli.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI TAX-XENARJI TA' POLITIKA

5.1. Ix-xenarju tal-*"ebda politika"*

Studji u rapporti ta' evalwazzjoni, inkluż ir-rapport tal-2009 tal-Qorti tal-Awdituri, juru li l-politika Ewropea ta' promozzjoni taqdi rwol pożittiv, għalkemm diffiċli biex dan jitkejjel, u fl-aħħar mill-aħħar trodd lura b'għid lill-bdiewa Ewropej għall-isforzi tagħhom biex jipproduċu skont l-istandards għoljin tal-PAK. Jekk din il-politika tingħata l-ġenb, jonqsu l-possibbiltajiet għal valur miżjud tal-prodotti agrikoli Ewropej u għalhekk jintilef valur miżjud għall-UE, kemm f'termini tas-sehem tas-suq kif ukoll ta' reputazzjoni. Dan jista' jwassal ukoll għal konċentrazzjoni jew intensifikazzjoni tal-produzzjoni, u omoġenizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

5.2. Ix-xenarju tal-*"istatus quo mtejjeb"*

Minn perspettiva ekonomika, jekk l-aċċess għall-iskema jitwessa' għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-produtturi jkunu jistgħu jużaw aħjar il-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. Minħabba f'hekk, dan ix-xenarju jhegġegħ it-tħaddim effiċjenti tas-settur agrikolu, jagħti spinta lill-kompetittività, u jikseb ekonomiji ta' skala kif ukoll tkabbir.

L-għadd dejjem jikber ta' inizjattivi se jgħolli l-profil tal-Kummissjoni ffieri internazzjonali, li bih igawdu l-aktar l-intrapriżi żgħira u medji (SMEs) li jieħdu sehem fihom. L-appoġġ tekniku għandu jtejjeb it-tfassil tal-programmi ta' promozzjoni, inklużi dawk li jinvolvu bosta pajjiżi, u b'hekk is-suq intern għandu jsir aktar dinamiku.

Minn perspettiva soċjali, jekk jithegġegħ l-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, is-settur agrikolu għandu jissaħħa u l-kundizzjonijiet soċjali fiż-żoni rurali jitjiebu.

5.3. Ix-xenarju *"mmirat"*

Minn perspettiva ekonomika, l-istrateġija Ewropea għall-promozzjoni tagħmilha possibbli li jiġu mmirati azzjonijiet għal prodotti, temi u swieq speċifiċi, b'hekk ikun massimizzat ir-redditu fuq l-investment tal-politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni li jakkumpanjaw kull azzjoni ta' promozzjoni se jżidu l-viżibbiltà tal-Unjoni Ewropea u għandhom iħeġġu d-domanda għall-prodotti agrikoli Ewropej minħabba l-istandards u l-metodi tal-produzzjoni għoljin tagħhom. Il-viżibbiltà ta' marki kummerċjali privati, assi importanti li jqajjem ix-xiri reali, għandha ttejjeb il-kompetittività tal-prodotti agrikoli Ewropej u jgawdu minnha l-SMEs, speċjalment peress li dawn igawdu minn aċċess bi prijetà għall-iskema. Il-kisbiet tal-kompetittività se jitheffu wkoll billi titwessa' l-lista tal-prodotti eliġibbli. L-attivitajiet ta' dan ix-xenarju jagħtu spinta lill-esportazzjonijiet tal-UE tal-prodotti agrikoli. It-tibdil fil-ġestjoni ta' programmi li jinvolvu bosta pajjiżi għandu jżid l-għadd tagħhom u jwassal għal ekonomiji ta' skala u qsim tal-esperjenzi sinifikanti.

Minn perspettiva soċjali, dan ix-xenarju se jgħin biex jinżammu — jew saħansitra jiżiedu — l-impjiegi fis-settur agroalimentari, b'reazzjoni għat-tkabbir mistenni fl-esportazzjonijiet li ġgħib magħha din l-istrateġija. Barra minn hekk, l-Istrateġija se tħeffef il-promozzjoni ta' prodotti rikonoxxuti fis-sistemi tal-kwalità Ewropej u li huma relatati mar-reġjuni tal-orġini u tradizzjonijiet Ewropej, biex b'hekk tgħin fir-reklamar u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali Ewropew. Il-promozzjoni tal-orġini tal-prodotti għandha tħalli effett pożittiv mhux biss għar-

reġjuni jew għall-Istati Membri kkonċernati, iżda anke għall-Unjoni Ewropea kollha, għax din twassal r-reputazzjoni u t-tradizzjonijiet tagħha fil-kampanji. Fl-aħħar nett, temi relatati mal-benesseri tal-konsumaturi u mad-dieta sana jistgħu jiġu promossi bl-istrateġija.

Minn perspettiva ambjentali, l-istrateġija se tisħaq dwar il-karatteristiċi ta' produzzjoni sostenibbli tal-PAK, u dan itejjeb il-valur tal-isforzi li jagħmlu l-produtturi Ewropej u jħeġġeġ l-iżvilupp ta' agrikoltura li tirrispetta l-ambjent.

5.4. Ix-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*"

Meta jitqies il-potenzjal ta' tkabbir fl-esportazzjonijiet, f'dan ix-xenarju tingħata prijorità lil żieda fil-kompetittività tas-settur agrikolu. Il-viżibbiltà ta' marki kummerċjali u l-oriġini tal-prodotti se tippromwovi l-esportazzjonijiet. Madankollu, sabiex ikun limitat ir-riskju ta' profitti imprevisi għall-kumpaniji privati u kull sostituzzjoni ta' inizzjattivi u investimenti privati, għandhom jiġu applikati kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jimmiraw is-suq intern, jaffettwa lill-konsumaturi Ewropej: kull informazzjoni ġenerika fuq il-prodotti agrikoli, fuq il-metodi tal-produzzjoni jew id-dieta ssana se tiġi f'idejn l-Istati Membri jew l-organizzazzjonijiet professjonali, li min-naħa tagħhom mhux bilfors se jagħtuha l-ewwel prijorità.

Minn perspettiva ambjentali, l-azzjonijiet se jħeġġu x-xiri u l-konsum f'pajjiżi terzi tal-prodotti agrikoli Ewropej li l-metodi tal-produzzjoni tagħhom ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ambjentalment ambizzjużi tal-PAK. Dan iħeġġeġ il-produzzjoni agrikola sostenibbli. Madankollu, il-konsumaturi Ewropej, li ma jibqgħux fil-mira ta' dawn l-azzjonijiet, se jkunu infurmati inqas dwar ir-rekwiżiti ambjentali li l-bdiewa Ewropej iridu jirrispettaw, u dan jaf idgħajjef ir-rabta bejn l-agrikoltura u l-ambjent.

5.5. Il-piż amministrattiv

L-akbar għadd ta' benefiċjarji potenzjali fix-xenarji kollha se jżidu l-piż tax-xogħol meta jiġu biex jintgħażlu l-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. L-implimentazzjoni ta' appoġġ tekniku u l-iżvilupp ta' inizzjattivi se jżid ukoll il-funzjonijiet ta' ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. Madankollu, titjib fil-proċedura tal-għażla se jwassal għal tfaddil meta mqabbel mal-piż amministrattiv attwali.

Barra minn hekk, fix-xenarju "*mmirat*" u fix-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*", b'aktar attrattività tal-iskema u jekk nibnu fuq ir-risultati tal-politika ta' promozzjoni, jaf jiżdied il-piż tax-xogħol għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni jaf ikollha taffaċċja żieda kbira fl-għadd ta' azzjonijiet ġestiti ċentralment, l-aktar għal programmi li jinvolvu bosta pajjiżi. Bħalissa qed isir studju biex jeżamina jekk uħud minn dawk il-funzjonijiet jistgħux jiġu ddelegati lil aġenzija eżekuttiva.

Fl-aħħar nett, titjib fil-ġestjoni tal-programmi li jinvolvu bosta pajjiżi, kif maħsub fix-xenarju "*mmirat*" u fix-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*", se jwassal biex jonqos b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-organizzazzjonijiet professjonali meta mqabbel mal-qagħda bħalissa.

5.6. Id-dimensjoni internazzjonali

Il-politika Ewropea ta' promozzjoni tippromwovi r-reputazzjoni u l-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej fl-UE u f'pajjiżi terzi. Din hija konsistenti mal-Ftehim dwar l-Agrikoltura tal-WTO u kompatibbli mar-regoli tad-WTO. L-ebda dispożizzjoni proposta fix-xenarji differenti ma taffettwa l-klassifikazzjoni tal-miżuri ta' promozzjoni fin-notifiki lid-WTO tan-nefqa agrikola Ewropea.

5.7. L-evalwazzjoni tal-potenzjal għas-simplifikazzjoni

Ix-xenarji differenti jipprevedu simplifikazzjoni akbar fil-ġestjoni tal-politika; ix-xenarju tal-*"esklussivament għal pajjiżi terzi"* jikseb l-aktar minn dan il-lat. Dan jinkludi għażla f'pass wieħed li ssir biss darba fis-sena (komuni għal kull xenarju) u ġestjoni simplifikata tal-programmi li jinvolvu bosta pajjiżi għax l-entitajiet se jkollhom x'jaqsmu direttament mal-Kummissjoni (dan jgħodd ukoll għax-xenarju *"mmirat"*). Billi dan ix-xenarju jiffoka biss fuq pajjiżi terzi, dan jevita diffikultajiet potenzjali fl-interpretazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-iskema li jaf kienu jinqalgħu kieku kien hemm regoli differenti għas-suq intern u għal pajjiżi terzi.

6. TQABBIL TAX-XENARJI SKONT L-GĦANIJIET U L-IMPATTI TAGĦHOM

It-tliet xenarji, ilkoll għandhom l-għan li joħlqu settur agrikolu aktar kompetittiv fl-Ewropa. Għalhekk hemm bżonn li jitqajjem għarfien dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej. L-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija tagħhom jidhru fil-qosor f'din it-tabella.

		Ix-xenarju tal- <i>"istatus quo mtejjeb"</i>	Ix-xenarju <i>"mmirat"</i>	Ix-xenarju tal- <i>"esklussivament għal pajjiżi terzi"</i>
L-impatt ekonomiku	Il-kompetittività tas-settur agrikolu	+	+++	++
	L-SMEs	+	++	+++
	Il-konsumaturi Ewropej	0	++	--
	Ir-reġjuni	+	+++	++
	Il-funzjonament tas-suq intern	0	++	+
L-impatt soċjali	L-impjiegi	+	++	++
	Il-kultura, il-wirt	+	+++	++
	Il-benesseri tal-konsumaturi Ewropej	0	+	-
L-impatt ambjentali	Produzzjoni sostenibbli	0	++	+
Simplifikazzjoni		+	++	+++

Ġestjoni aħjar fix-xenarju tal-*"istatus quo mtejjeb"*, b'mod ġenerali għandha twassal għal impatt pożittiv żgħir iżda notevoli f'kull qasam. Jekk tinżamm ix-xejra attwali, kull programm individwali se jibqa' jħalli riżultati siewja. Madankollu, in-nuqqas ta' approċċ globali se jimmina l-koerenza tal-politika kollha, u jżomm ir-riskju li jitħallew barra l-opportunitajiet li joffru setturi jew swieq speċifiċi, l-aktar f'pajjiżi terzi. L-appoġġ tekniku l-ġdid jista' jsaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn benefiċjarji u jgħinhom isibu sħab biex jimplimentaw programmi li jinvolvu bosta pajjiżi. Madankollu, dan ix-xenarju ma jindirizzax kwistjonijiet ta' ġestjoni li tqajmu mill-programmi li jinvolvu bosta pajjiżi, u din il-ġestjoni se tibqa' konġunta bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Fit-tarf l-ieħor tal-ispettru, ix-xenarju tal-*"esklussivament għal pajjiżi terzi"* isegwi approċċ aktar qawwi u kummerċjali billi jillimita l-miżuri ta' promozzjoni għal swieq tal-pajjiżi terzi u juża b'mod aktar ambizzjuż il-marki kummerċjali privati u l-orijini. Dan ix-xenarju joħloq impatti ekonomiċi sinifikanti, l-aktar għall-SMEs li jitħallew isemmu l-marki kummerċjali

tagħhom stess fl-azzjonijiet ta' promozzjoni. Madankollu, din ma tweġibx għall-bżonn ta' informazzjoni għall-konsumaturi Ewropej. Fl-aħħar mill-aħħar dan in-nuqqas ta' azzjonijiet ta' promozzjoni fis-suq intern se jaffettwa kif iġibu ruħhom il-konsumaturi Ewropej fix-xiri.

Ix-xenarju "mmirat" iqis il-bżonnijiet kemm tas-suq intern kif ukoll dawk esterni. Strateġija agrikola globali ta' promozzjoni tkun effiċjenti u tindirizza l-opportunitajiet ekonomiċi f'pajjiżi terzi kif ukoll il-ħtiġijiet ta' informazzjoni dwar is-suq intern. Il-promozzjoni ġenerika, ma tkunx primarjament ta' vantaġġ ekonomiku għan-negozji agrikoli. Madankollu, materjal tar-reklamar għall-konsumaturi li joffri dan ix-xenarju jagħti viżibbiltà lil marki kummerċjali privati u lill-orġini tal-prodotti, u għalhekk dan għandu jitpatta parzjalment.

Ix-xenarju "mmirat" u x-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*" joħolqu aktar programmi li jinvolvu bosta pajjiżi, b'valur miżjud għoli għall-Ewropa. Madankollu, mill-analiżi joħroġ li — sa ċertu punt — piż amministrattiv akbar, ma jistax ikun evitat.

Mil-lat tal-baġit, ir-riżorsi finanzjarji tal-politika l-ġdida se jiġu ddefiniti fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid għall-2014-2020. Bla preġudizzju għad-disponibbiltà ta' dawn ir-riżorsi, ix-xenarju "mmirat" jixħet l-akbar domanda fuq il-baġit tal-UE. Dan ġej mix-xewqa li wieħed jibqa' ambizzjuż meta jiżviluppa attivitajiet fi swieq tal-pajjiżi terzi u li jiżdiedu b'mod sinifikanti l-programmi li jinvolvu bosta pajjiżi.

Il-baġit għax-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*" ikun nofs il-baġit tax-xenarju "mmirat", jekk wieħed jassumi li n-nefqa ta' dan tal-aħħar tinqasam l-istess bejn is-suq intern u s-swieq tal-pajjiżi terzi. Anke jekk ix-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*" hu irħas, iż-żewġ xenarji huma l-istess mil-lat ta' kosteffikaċja. Hu ċar li x-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*" ma jistax jindirizza kif xieraq l-aspettattivi tal-konsumaturi Ewropej; u min-naħa l-oħra, ix-xenarju "mmirat" iqajjem għarfien dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej fis-suq intern, u allura jżid id-domanda u jħeġġeġ il-produzzjoni sostenibbli.

Ix-xenarju "mmirat" jimmassimizza l-valur miżjud tal-UE bi promozzjoni aħjar tal-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej u billi l-konsumaturi madwar l-UE jsiru aktar konxji, billi jindirizza kwistjonijiet transfruntiera importanti li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tal-programmi li jinvolvu bosta pajjiżi, u billi jsaħħaħ il-qsim tal-prattiki tajba fost l-Istati Membri.

Din it-Tabella tevalwa l-potenzjal ta' kull wieħed mit-tliet xenarji biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi tar-riforma:

	Ix-xenarju tal- " <i>istatus quo mtejjeb</i> "	Ix-xenarju " <i>mmirat</i> "	Ix-xenarju tal- " <i>esklussivament għal pajjiżi terzi</i> "
L-għarfien dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej	++	+++	+
L-iżvilupp u l-ftuħ ta' swieq ġodda għall-prodotti agrikoli Ewropej fis-suq intern u f'pajjiżi terzi	+	+++	++
L-effikaċja u l-effiċjenza	+	++	++
Il-valur miżjud tal-UE	+	+++	++

Ix-xenarju tal-"*istatus quo mtejjeb*" jidher li ma jiffokax biżżejjed fuq attivitajiet b'valur miżjud għoli għall-Unjoni Ewropea filwaqt li x-xenarju tal-"*esklussivament għal pajjiżi terzi*" jidher riskjuż wisq jekk jitqies il-livell baxx ta' għarfien dwar il-prodotti agrikoli fl-Ewropa.

Ix-xenarju "mmirat" joħloq l-aqwa bilanċ biex progressivament il-politika agrikola ta' promozzjoni ssir politika aktar immirata għall-ħtiġijiet tas-settur agrikolu u s-swieq filwaqt li jtejjeb il-livell ta' għarfien tal-konsumaturi fejn tidħol firxa usa' tal-prodotti agrikoli.

Bix-xenarju "mmirat", is-settur agrikolu jkun jista jwieġeb aħjar għall-pressjonijiet fuq il-kompetittività tiegħu; miżuri mmirati f'pajjiżi terzi se jindirizzaw il-kompetizzjoni ħarxa minn pajjiżi oħra. In-nuqqas ta' għarfien dwar il-kwalità tal-prodotti tal-UE se jiġi indirizzat bi strateġija komprensiva li ttejjeb l-attivitajiet ta' informazzjoni dwar is-suq intern, li tinkludi l-monitoraġġ mill-qrib tax-xejriet tas-suq. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, fis-suq intern kif ukoll fis-swieq esterni, dan ix-xenarju se jindirizza ż-żieda fil-pressjoni tal-ispejjeż fuq l-ekonomija agrikola tal-UE u se jgħin biex titħares id-diversità tal-produzzjoni agrikola tal-UE, l-ambjent u d-dinja rurali⁶.

7. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

Illum b'mod sistematiku ssir valutazzjoni tal-impatti ta' kull programm individwali ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, u dan permezz ta' indikaturi u għanijiet stabbiliti mill-organizzazzjoni proponenti u li jevalwawhom is-servizzi tal-Kummissjoni meta japprovaw il-programm. Madankollu, fin-nuqqas ta' strateġija globali, ikun diffiċli li r-riżultati ta' dawn il-valutazzjonijiet jiġu aggregati fil-livell usa' tal-politika ta' promozzjoni.

Fil-futur, se jkun importanti li jissaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika Ewropea ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli. Is-sistema futura ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandha wkoll tirrifletti aħjar l-approċċ strateġiku msaħħaħ. Għalhekk, għandhom jiġu implimentati indikaturi komuni bbażati fuq għanijiet u prijoritajiet ħalli jeħfief l-użu ta' evalwazzjoni fil-proċess tal-għażla għall-programmi.

Is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-politika agrikola ta' promozzjoni għandha tkun marbuta mal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-PAK, kif tipproponi r-riforma proposta dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK⁷. Għal dan l-għan, ġie propost dan is-sett ta' indikaturi:

- L-indikaturi tal-impatti marbuta mal-għanijiet ġenerali

- Il-bilanċ tal-kummerċ agrikolu
- L-introjtu tal-fattur agrikolu

- L-indikaturi tar-riżultati marbuta mal-għanijiet speċifiċi

- L-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE
- Il-valur tal-produzzjoni skont l-iskemi ta' kwalità tal-UE
- Il-livell ta' għarfien dwar il-kwalità tal-prodotti agrikoli Ewropej

- L-indikaturi tar-riżultati marbuta mal-miżuri differenti tal-politika ta' promozzjoni

- L-għadd ta' programmi fis-suq intern u fi swieq tal-pajjiżi terzi
- L-għadd ta' benefiċjarji ġodda
- L-għadd ta' programmi li jinvolve bosta pajjiżi

⁶ Ara l-istudju Scenar 2020 li juri l-impatti negattivi ta' xenarju mingħajr il-PAK http://ec.europa.eu/agriculture/agrista/2006/scenar2020/final_report/scenar2020final.pdf.

⁷ Ara l-Artikolu 110 tal-COM(2011) 628 finali/2.